MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2013

Numru 643/2013

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Ahmedsharif Issa Haydar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 43683 (A),

Akkuzat talli nhar is-27 t'April, 2011, ghall-habta tas-7.30p.m., gewwa il-Gammika Bar fi Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi:

1. kkommetta serq ta’ flus u/jew xi oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta’ Donald Borg u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

2. bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Donald Borg kontra l-volonta’ tiegħu;

3. fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involantarju jew offiża involantarja fuq il-persuna), jew ta’ serq jew ħsara fil-propjeta (minbarra ħsara involontarja fil-propjeta) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oġġetti;

Akkuzat ukoll talli nhar is-27 t’April, 2011, ghall-habta tas-7.30p.m., u/jew qabel kif ukoll wara dan il-hin, gewwa Hal Qormi u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

4. garr ’il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Akkuzat ukoll talli permezz tal-prezenti reati addebitati lilu, f’kaz ta’ htija, l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti ta’ l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien impost fuqu b’sentenza definittiva u li m atistax tinbidel, moghtija fil-konfront tieghu mill-magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar id-29 ta’ Marzu, 2011;

6. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza datata 10 ta’ Novembru, 2008, moghtija mill-magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D., liema, sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat fl-udjenza ta' llum jirregistra ammissjoni li fuqha insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati;

Rat l-Artjkolu 261, 262(1)(a)(b)(2), 270, 275, 276, 277(a), 289, 49 u 50, 17(h) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446, l-Artiklu 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah sena prigunerija u multa ta' 117 Euro li tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi fin-nuqqas ta' hlas.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------